MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2014

Rikors Numru. 187/2014

**A B**

**vs**

**C B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu;**

Rat ir-rikors tal-attur tal-15 ta' Mejju 2014 li permezz tieghu talab li l-Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

Rat li fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2014, il-konvenuta ddikjarat li ma topponix ghat-talbiet attrici u talbet li tikkonverti ghal kunjom xbubitha u cioe' "Borg".

Rat l-atti kollha.

Rat li r-rikors thalla ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat.

**Provi**.

Mill-provi migbura jirrizulta:

Illi l-partijiet izzewwgu fl-14 ta' Novembru 1980, u minn dan iz-zwieg kellhom erbat itfal illum maggorenni;

Illi l-partijiet kienu sseparaw permezz ta' sentenza tas-17 ta' Novembru 1998;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ma hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment;

Ikkunsidrat;

Illi l-provi imressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi,

1) Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta' bejn il-partijiet;

2) Tawtorizza lill-konvenuta tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' "Borg"; u

3) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u sabiex jaghmel l-annotament li l-konvenuta irrivertiet ghal kunjom xbubitha 'Borg'.

Spejjez bla taxxa.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------